MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## ĠUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 776/2013

**WasteServ Malta Limited (C30560)**

**vs.**

**IKO Limited (C32296)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-26 ta' Novembru 2013, li permezz tiegħu is-soċjeta′ attriċi talbet il-ħlas mingħand is-soċjeta` konvenuta tas-somma ta' erba' mija u ħdax-il Ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€411.72), rappreżentanti ħlas dovut għal servizz ta' rimi u depożitu ta' skart u materjal fil-faċilitajiet immexxija mis-soċjeta` attriċi.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-soċjeta` konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, is-soċjeta` konvenuta ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li s-soċjeta` konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta' erba' mija u ħdax-il Ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€411.72), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba u cioe mis-26 ta' Novembru 2013, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tas-soċjeta` konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------